MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 75/2005

Avukat Dottor Roger **DeGIORGIO** u martu Josephine *sive* Josianne DeGiorgio

vs

Christopher **GALEA** u b'degriet tad-29 ta' Awissu, 2005, issejħu fil-kawża Andy Debono, Angelo Laus, Gary Micallef, Glenn Debono, Clayton Grech u Clinton Barbara

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Jannar, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek Christopher Galea waħdu kien jaħti għall-ħabta, li seħħet fis-17 ta' Ottubru, 2004, f'salib it-toroq ħdejn it-*traffic lights* bejn il-*By-Pass* tal-Imrieħel u

Triq l-Imdina, Ħ'Attard, bejn il-karozza tagħhom tal-għamla *Audi A3*, reġistrata MDG-101, li dak il-ħin kienet misjuqa minn binhom Matthew, u dik tal-għamla *Ford Fiesta* reġistrata JBA-415 misjuqa mill-imħarrek; (b) tillikwida d-danni mġarrbin minnhom fis-somma ta' tnax-il elf u mitejn lira Maltin (Lm 12,200)[1]; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek biex iħallashom is-somma ta' Lm 12,200 bl-imgħax legali minn dak inhar li ressqu l-Att taċ-Ċitazzjoni. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Frar, 2005, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-25 ta' Frar, 2005, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li hu kien jaħti għall-ħabta msemmija. Hu allega li l-ħabta saret biss b'riżultat ta' reazzjoni istantaneja u istintiva tiegħu biex jaħrab minn aggressjoni li kienet qiegħda ssir fuqu minn terzi, li għalhekk jaħtu huma għall-imsemmi inċident. Żied jgħid li d-danni pretiżi mill-atturi huma eżaġerati;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' April, 2005, fuq talba magħmula mill-imħarrek b'rikors tiegħu tal-25 ta' Frar, 2005, li bih awtorizzatu biex jibda jressaq huwa l-provi bil-ħsieb li jkunu jistgħu jingħarfu l-persuni mhux magħrufa li hu jqis li kienu ħtija tal-ħabta;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2005[2], li bih qiegħdet il-kawża fil-lista ta' kawżi qabel is-Seduta ("*pretrial*") li kellu jitmexxa mill-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Maria Dolores Gauċi;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Awissu, 2005[3], li bih laqgħet talba magħmula mill-imħarrek b'rikors tiegħu tal-14 ta' Lulju, 2005, biex issejjaħ fil-kawża lil Andy Debono, Angelo Laus, Gary Micallef, Glenn Debono, Clayton Grech u Clinton Barbara;

---

[1] Li jġibu €28,418.36 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 53 tal-proċess
[3] Paġ. 103 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imsejħin fil-kawża Gary Micallef u Glenn Debono fit-3 ta' Novembru, 2005, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li huma kienu b'xi mod responsabbli għall-ħabta billi qalu li l-karozza misjuqa minn Gary Micallef ma ħabtetx mal-karozza tal-atturi u fl-ebda waqt ma fixklet lil dik misjuqa mill-imħarrek, li huma jgħidu li waħdu jaħti għall-imsemmija ħabta. Għalhekk, huma jiċħdu li għandhom jikkumpensaw lill-atturi għad-danni mġarrba u pretiżi, liema danni l-imsejħin fil-kawża jgħidu li huma eżaġerati;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imsejħin fil-kawża Andy Debono, Angelo Laws, Clayton Grech u Clinton Barbara fit-8 ta' Novembru, 2005, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li huma responsabbli għall-ħabta billi qalu li l-karozza misjuqa minn Angelo Laws[4] ma ħabtetx mal-karozza tal-atturi u fl-ebda waqt ma fixklet lil dik misjuqa mill-imħarrek, li huma jgħidu li waħdu jaħti għall-imsemmija ħabta. Għalhekk, huma jiċħdu li għandhom jikkumpensaw lill-atturi għad-danni mġarrba u pretiżi, liema danni l-imsejħin fil-kawża jgħidu li huma eżaġerati;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u rat il-provi l-oħrajn minnhom imressqa bil-mezz tal-affidavit u l-provi dokumentali quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2007[5], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ għat-trattazzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-atturi u wħud mill-imsejħin fil-kawża (reġistrata) waqt is-smigħ tas-7 ta' Frar, 2008;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2008[6], li bih tat lill-partijiet l-oħrajn il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub saż-żmien hemm imsemmi;

[4] *Recte:* Laus
[5] Paġ. 408 – 9 tal-proċess
[6] Paġ. 436 tal-proċess

Rat li ma tressqu l-ebda sottomissjonjiet miktuba fiż-żmien mogħti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni wara ħabta bejn żewġ karozzi. L-atturi qegħdin ifittxu lill-imħarrek biex jagħmel tajjeb għall-ħsarat li ġarrbet il-karozza tagħhom f'ħabta li ġrat fl-Imrieħel, limiti ta' Birkirkara ma' karozza misjuqa minnu. L-atturi jgħidu li l-imħarrek waħdu kien jaħti għal dik il-ħabta. Billi hu naqas li jaċċetta r-responsabbilta' u li jagħmel tajjeb għall-ħsarat li ġarrbu, fetħu din il-kawża. Il-ħsara li tagħha l-atturi qegħdin jitlobu l-kumpens hija t-tnaqqis tal-valur (deprezzament) tal-karozza tagħhom li, f'dik il-ħabta, ġarrbet ħsarat hekk kbar li ma kienx għaqli li tissewwa;

Illi l-imħarrek jiċħad li l-ħtija tal-ħabta kienet tiegħu, iżda jgħid li dak li seħħ ġara minħabba li oħrajn kienu qegħdin isegwuh u ħabtu għalih b'mod li ma kellux kontroll fuq dak li kien qed jiġri dak il-ħin. F'kull każ, iqis li d-danni mitluba mill-atturi huma eżaġerati tal-imħarrek, iżda jgħidu li kienet l-ħtija għal dak li ġara kienet tas-sewwieq l-ieħor. Minbarra dan, jgħidu li l-attriċi tgħaġġibha dwar l-ammont ta' ħsara li tgħid li ġarrbet minħabba l-istess ħabta;

Illi, fuq talba tal-imħarrek u fid-dawl tal-linja difensjonali ewlenija tiegħu, din il-Qorti sejħet fil-kawża lil dawk li l-imħarrek iqis li kienu aggredewh u ġagħluh jaħbat mal-karozza tal-atturi;

Illi dawn l-imsejħin fil-kawża laqgħu lkoll bl-istess difiża li huma ma kienu jaħtu bl-ebda mod għall-ħabta għaliex huma jew ma kinux qegħdin isuqu dak il-ħin jew, min minnhom kien qed isuq, fl-ebda ħin ma ħabat ma' xi waħda mill-karozzi involuti fl-inċident. Qalu li għal dik il-

ħabta kien jaħti biss l-imħarrek, billi f'kull waqt is-sewqan tagħhom kien prudenti u fl-ebda waqt ma tellfu lill-imħarrek fil-mod kif kien qed isuq. Laqgħu wkoll billi qalu li l-ammont ta' danni li l-atturi qegħdin jitolbu kien eżaġerat;

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li nhar is-17 ta' Ottubru, 2004, filgħodu kmieni għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs, iben l-atturi Matthew kien qiegħed isuq il-karozza tal-għamla *Audi A3*, reġistrata MDG101, sejjer lejn l-Imrieħel mid-direzzjoni ta' Ħal Balzan. Il-karozza kienet tgħajjat lill-attur. Miegħu kellu riekba żewġ persuni oħra bħala passiġġieri. Dak il-ħin, l-imħarrek kien qiegħed isuq il-karozza tal-għamla *Ford Fiesta*, reġistrata JBA415 fuq il-*By-pass* tal-Imrieħel. Riekba miegħu kellu erbat iħbieb. Huma kienu ġejjin minn Paċeville;

Illi l-imsejħin fil-kawża kienu lkoll riekba f'żewġ karozzi li kienu jinsaqu wara xulxin – dik ta' quddiem, tal-għamla *Mazda 626*, kienet misjuqa minn Angelo Laus (li miegħu kellu rekbin l-imsejħin fil-kawża Clayton Grech u Andy Debono) u dik ta' warajha, tal-għamla *Hyundai Pony*, kienet misjuqa minn Gary Micallef (li miegħu kellu riekba l-imsejħin fil-kawża Clinton Barbara u Glenn Debono). Huma kienu telqu minn Paċeville fi ħsiebhom imorru sar-Rabat għand ħanut li jbigħ il-pastizzi;

Illi wara li f'xi s-sagħtejn ta' filgħodu huma wkoll kienu ħallew Paċeville fi triqthom lura d-dar fuq Triq Mikiel Anton Vassalli, l-imħarrek u dawk rekbin miegħu, qabel waslu fil-mini, qabżu karozza u wara ftit intebah li kienet baqgħet issuq warajhom u f'xi waqtiet bdiet tissikka l-karozza tiegħu. F'xi ħin, sa ma waslu qrib il-post fejn seħħet il-ħabta, kienet resqet ukoll karozza oħra. Kif il-karozzi kienu jinsaqu tul il-*By-Pass* tal-Imrieħel, dawn waqfu u mblukkaw it-triq tal-karozza misjuqa mill-imħarrek. L-imħarrek waqaf, iżda minn waħda mill-karozzi ħarġet persuna li ordnatilhom joħorġu mill-karozza tal-imħarrek u bdiet issabbat wkoll fuq is-saqaf ta' dik il-karozza[7]. L-imħarrek qabad u saq. Iżda x'ħin wasal f'salib it-toroq

[7] Xhieda tal-imħarrek 28.6.2006, f'paġġ. 230 – 2 tal-proċess

baqa' jsuq bid-dawl tat-*traffic light* fuq l-aħmar, u minflok baqa' tiela' lejn ir-Rabat, dar lejn il-lemin fid-direzzjoni ta' Birkirkara. Hemm ħa l-karozza ta' DeGiorgio (li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta) fuq in-naħa tas-sewwieq u tefagħha fuq is-*centre strip* u ġol-arblu tad-dawl;

Illi l-ħabta seħħet f'salib it-toroq fejn hemm it-*traffic lights* qrib il-bini tal-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, billi l-imħarrek qaleb lejn id-direzzjoni tal-akwadott lejn Birkirkara[8] u daħal ġol-karozza misjuqa minn iben l-atturi li kienet ġejja minn faċċata tagħha. Dak il-ħin li seħħet il-ħabta, iben l-atturi kien qiegħed isuq bid-dawl b'lewn aħdar għat-traffiku li kien ġej mid-direzzjoni li kien ġej hu. Filwaqt li, fil-każ tal-imħarrek, huwa saq billi qabeż karozza li kienet wieqfa quddiemu, minkejja li d-dawl għat-traffiku li kien ġej matul il-*By-pass* kien lewn aħmar. L-art kienet niexfa u t-triq f'dawk l-inħawi kienet imdawla tajjeb;

Illi mal-ħabta, l-karozza misjuqa minn Matthew DeGiorgio ġarrbet ħsarat kbar fuq il-*mudguard* lemini ta' quddiem, fuq il-*bonnet* u fuq il-bieba tan-naħa tas-sewwieq u l-pilastru ta' bejn il-*bonnet* u l-bieb ta' quddiem fuq l-istess naħa. Kellha ħsarat ukoll fuq quddiem[9] u dan ġara għaliex jidher li, mad-daqqa, l-karozza tħabbtet ma' *centre strip* li hemm f'dak is-salib it-toroq. Jirriżulta li l-karozza kienet inxtrat bħala ġdida ftit jiem anqas minn sena qabel f'Ottubru tal-2003[10] bil-prezz ta' Lm 16,400[11]. Dak inhar tal-ħabta, l-karozza kienet assikurata *fully comprehensive*;

Illi tqabbdu żewġ *suvreyors* biex jaraw il-karozza tal-atturi u dawn ħallew rapport u stima tax-xogħlijiet u spejjeż meqjusa meħtieġa[12]. Bid-daqqa li qalgħet, il-karozza tal-atturi kienet *total loss* u l-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek qablet li kienet *beyond economical repair* u ma kienx għaqli li ssir in-nefqa kbira stmata biex tissewwa[13];

[8] Xhieda ta' Christina Dacoutros 29.3.2006, f'paġ. 211 tal-proċess
[9] Dok "B1", f'paġ. 15 tal-proċess
[10] Dok "E", f'paġġ. 28 – 9 tal-proċess
[11] €38,201.72 fi flus tal-lum
[12] Dokti "B", "Ċ" u "F", f'paġġ. 15 sa 26 u 30 – 1 tal-proċess
[13] Dok "D", f'paġ. 27 tal-proċess

Illi l-ħsara fuq il-karozza misjuqa mill-imħarrek ukoll kienet kbira[14];

Illi wara li seħħet il-ħabta, l-imsejħin fil-kawża waslu fuq il-post, u huma u l-imħarrek u dawk li kienu rekbin miegħu ġew fl-idejn. L-imħarrek indarab[15] u l-imsejħin fil-kawża ħabtu wkoll għal ħabib ta' iben l-atturi[16] u għal uħud minn dawk li kienu rekbin mal-imħarrek[17]. Wara li qorbu l-Pulizija fuq il-post tal-ħabta, l-imsejħin fil-kawża saqu minn fuq il-post, iżda reġgħu ġew aktar tard u meta rawhom il-Pulizija ħarbu mill-ġdid bil-karozza tagħhom 'l isfel lejn Ħal Qormi[18];

Illi l-imsejħin fil-kawża niżlu jagħmlu rapport fl-Għassa ta' Ħal Qormi, iżda dawn intbagħtu Birkirkara, għaliex l-inħawi fejn saret il-ġlieda kien jaqa' fid-distrett ta' dik l-Għassa. Għall-ħabta tal-erbgħa w nofs ta' filgħodu, l-imħarrek u dawk rekbin miegħu niżlu jagħmlu rapport fl-Għassa ta' Birkirkara kontra l-imsejħin fil-kawża[19]. Wara marru l-imsejħin fil-kawża wkoll. Aktar tard dak inhar, iż-żewġ naħat qablu li ma jisħqux li jittieħdu passi kontra xulxin dwar dak l-episodju[20];
Illi f'Novembru tal-2004, l-attur interpella lill-imħarrek b'att ġudizzjarju biex jassumi r-responsabbilta' għall-ħabta u biex jersaq għal-likwidazzjoni tal-ħsara mġarrba[21]. B'ittra uffiċjali tal-15 ta' Diċembru, 2004[22], l-imħarrek u l-kumpannija assikuratriċi tiegħu wieġbu li hu ma kienx jaħti għall-ħabta, iżda li kienu jaħtu terzi li kienu ħabtu għalih. Fis-26 ta' Jannar, 2005, l-attur biegħ il-karozza fl-istat li kienet għal Lm 2,800[23] lil wieħed Jason Pisani, u dan wara li l-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek kienet qablet li l-valur ta' dak il-fdal kien ta' elfejn u ħames mitt lira (Lm 2,500)[24]. Il-kawża nfetħet fit-28 ta' Jannar tal-2005;

---

[14] Dok "SM", f'paġ. 89 tal-proċess
[15] Dok "RD", f'paġ. 289 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Matthew DeGiorgio 23.5.2006, f'paġ. 224 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Omar Borġ 10.7.2006, f'paġ. 266 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Ruben Degabriele 11.9.2006, f'paġ. 295A tal-proċess
[19] Dok "AB" u xhieda ta' P.S. 950 Buħaġiar 8.6.2005, f'paġġ. 66 – 8 u 76 – 7 tal-proċess
[20] Dok "AB1", f'paġġ. 78 – 9 tal-proċess
[21] Dok "Ġ", f'paġ. 32 tal-proċess
[22] Dok "Ħ", f'paġ. 33 tal-proċess
[23] €6,522.25 fi flus tal-lum
[24] Li jġibu €5,823.43 fi flus tal-lum

Illi l-ewwel mill-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li meħtieġa jsiru hija dik **dwar min jaħti għall-ħabta**. F'dan il-każ, ma hemm l-ebda dubju li bin l-atturi ma jaħti bl-ebda mod għall-inċident. Din qatt ma kienet xi ħaġa kontestata u la l-imħarrek u lanqas l-assikurazzjoni tiegħu qatt ma allegaw li iben l-atturi kellu xi ħtija fil-ħabta. Mill-bqija, ħareġ ċar mill-provi – fosthom l-istqarrija tal-imħarrek – li meta seħħet il-ħabta, it-traffiku mnejn kien ġej l-imħarrek kien miżmum mid-dwal li kienu ħomor, filwaqt li iben l-atturi kien qed isuq fid-dritta meta d-dawl tal-karreġġata tiegħu kien aħdar u għalhekk kien qed jagħmel sewwa li ma waqafx mad-dwal, minkejja li l-imħarrek jallega li s-sewqan tiegħu kien qawwi;

Illi l-qofol tal-kwestjoni tal-ħtija tal-ħabta, għalhekk, hu jekk l-imħarrek jaħtix waħdu għal dik il-ħabta, jew jekk kienx hemm xi ċirkostanza fejn dik il-ħtija tintrefa' minn ħadd ieħor, jew waħdu jew flimkien mal-istess imħarrek. Id-difiża tal-imħarrek hi fis-sens li dak li għadda minn għalih kien każ ta' forza maġġuri li ma ħallitux aktar responsabbli għal dik il-ħabta u dan billi ħalqet emerġenza għall-għarrieda li xejnet ir-rieda tiegħu f'dak li kien qed jagħmel u f'dak li kien qed iseħħ fil-madwar. Din iċ-ċirkostanzi jgħabbiha fuq is-sehem u r-responsabbilta' tal-msejħin fil-kawża;

Illi l-liġi nnifisha tgħid li dik il-ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri ibatiha dak li fuq il-ġid tiegħu tiġġarrab dik il-ħsara[25]. Madankollu, f'dan il-każ l-imħarrek m'huwiex qiegħed jgħid li l-atturi jridu jbatu huma l-ħsara li ġarrbu, iżda li dik il-ħsara m'għandux jitgħabba biha hu iżda jridu jerfgħuha l-imsejħin fil-kawża;

Illi d-difiża tal-imħarrek hija waħda li titfa' fuqu l-piż li jipprova dak li jallega[26]. Huwa jsawwar din id-difiża fl-episodju mtawwal tal-insegwiment li huwa jgħid li ġarrab mill-imsejħin fil-kawża sa minn ftit ħin wara li telqu lkoll minn Paċeville. Min-naħa tagħhom, l-imsejħin fil-kawża jiċħdu li huma qatt fixklu lill-imħarrek fis-sewqan tiegħu, u jisħqu li qatt ma kienu fl-jnħawi fejn seħħet il-ħabta x'ħin

[25] Art. 1029 tal-Kap 16

[26] P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix appellata)

seħħet il-ħabta u għalhekk l-ebda mġiba tagħhom ma setgħet kienet imqar remotament il-kawża prossima tal-ħabta mertu tal-każ;

Illi huwa aċċettat li aċċident m'huwiex entita' astratta, imma huwa fatt li jkun ġara kif inhu fix-xorta u l-entita' tiegħu, jiġifieri "event bl-inċidenti inerenti miegħuinkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalita', iżda wkoll ta' responsabbilta', u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-'aċċident' u *pro tanto* jkun responsabbli għalihom"[27];

Illi tajjeb li jingħad li, biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[28]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*"[29];

Illi bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*"[30]. Għaldaqstant, id-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[31];

Illi l-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-provi fl-atti tal-kawża, ma ssibx li d-difiza tal-forza maġġuri jew tal-emeġenza għall-għarrieda tal-imħarrek hija mistħoqqa. Huwa minnu li kien

[27] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)
[28] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***
[29] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)
[30] Charlesworth *Law of Negligence* (2nd. Edit) pġ. 509
[31] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)

hemm "taqbida" matul it-triq bejn l-imħarrek u sħabu minn naħa waħda u l-imsejħin fil-kawża, min-naħa l-oħra. Huwa wkoll minnu li kienu l-imsejħin fil-kawża li aggredew lill-istess imħarrek u 'l sħabu u, fid-dagħdiha, wkoll lil wieħed minn dawk li kienu riekba ma' iben l-atturi. Huwa aċċertat ukoll li l-istess imsejħin fil-kawża jistqarru li huma ħabtu għall-imħarrek (u jgħidu li dan sar għaliex kienu ġew minnu u sħabu provokati minn qabel). Iżda dawn il-fatti ma jistgħux jitqiesu li kienu l-kawża prossima tal-ħabta li seħħet bejn iż-żewġ karozzi ta' iben l-atturi u l-imħarrek;

Illi l-Qorti tibni din il-fehma tagħha fuq għadd ta' raġunijiet u ċirkostanzi, ewlenin fosthom fl-ewwel lok, li l-imħarrek xehed li hu kien għamel dik il-manuvra għaliex deherlu li kien aħjar li jmur sal-Għassa ta' Birkirkara milli jibqa' jipprova jaħrab lill-imsejħin fil-kawża sa ma jasal fl-Għassa tar-Rabat. Din l-istqarrija, kif sewwa ħafna ssottometta l-għaref difensur tal-atturi, kienet tixhed ħsieb speċifiku u għal kollox kontra l-ideja ta' ħaġa li tiġri minkejja r-rieda ta' dak il jkun, kif trid id-difiża tal-forza maġġuri. Fit-tieni lok, dik il-ġrajja kienet maħluqa minn għamil tal-bniedem: għal issa lanqas huwa wisq importanti jekk il-provokazzjoni nbdietx mill-imħarrek u sħabu jew mill-imsejħin fil-kawża. Kien hemm proċess twil minn Paċeville sal-Imrieħel li ma jista' bl-ebda mod jingħad li twieled sewwasew fl-inħawi fejn saret il-ħabta bħal sajjetta fil-bnazzi u għall-għarrieda. Fit-tielet lok, minn bosta xhieda – ukoll l-aktar wieħed newtrali (għalkemm miġbud minn simpatija favur l-imħarrek u sħabu[32]) – ħareġ ċar li, x'ħin seħħet il-ħabta, l-imsejħin fil-kawża lanqas kienu f'dawk l-inħawi u kulħadd jgħid (huma magħduda, naturalment għaliex din hija d-difiża ewlenija tagħhom) li dawn waslu fuq il-post wara li l-karozzi kienu diġà ħabtu. Fir-raba' lok, il-manuvra tal-imħarrek inbdiet minn aġir bi ksur tar-Regolamenti tas-Sewqan, għaliex saret meta d-dwal tat-traffiku kienu jistennew li jkun hemm waqfien u mhux sewqan min-naħa tiegħu. Għal min hu midħla ta' dawk id-dwal f'dak is-salib it-toroq – bħalma jmissu hu l-imħarrek li dik hija triqtu lejn daru – jaf li d-dwal fil-korsija li kien qed isuq fuqha l-imħarrek jinbidlu mill-kulur aħmar f'ħin qasir. Fl-aħħar

[32] Ix-xhud Ruben DeGabriele 11.9.2006, f'paġ. 296 tal-proċess

nett, hemm iċ-ċirkostanza li fiha kemm l-imħarrek (u dawk li kienu miegħu) u kif ukoll l-imsejħin fil-kawża, spiċċaw ħafru lil xulxin ftit sigħat wara l-ġrajja kollha bħallikieku qatt ma kien ġara xejn bejniethom u dan meta suppost dik it-tqbida kienet skurmentat lill-imħarrek u ħalqet fih sens ta' paniku kbir;

Illi l-Qorti ma teskludix li kienet inħalqet ċerta tensjoni fost l-okkupanti tal-karozza misjuqa mill-imħarrek u dawk li kienu rekbin fihom l-imsejħin fil-kawża. Anzi, bla ma l-Qorti tidħol fil-mertu tal-provi konfliġġenti u x'aktarx imżewqa taż-żewġ naħat, jidher li l-imsejħin fil-kawża riedu jsibu x-xoqqa f'moxtha u jinkurunaw il-"bravata tas-Sibt billejl" bi ġlieda għas-sudisfazzjoni, qabel ma jmorru jindafru f'ikla pastizzi. Iżda dan qajla jxejjen il-fatt li dak li wassal għall-ħabta bejn il-karozzi kien biss l-għamil illegali tal-imħarrek, li minbarra li baqa' jsuq fuq dwal ħomor tat-*traffic lights*, biex tkompli tgħaqqad, minflok baqa' jsuq għad-dritt (fejn qatt ma kien jaħbat mal-karozza tal-atturi), dar lejn il-lemin tiegħu u qiegħed lilu nnifsu quddiem il-karozza l-oħra (tal-atturi) li kienet fuq triqtha u miexja fejn messha kienet timxi. Fuq kollox, dak l-għamil jidher li kien ukoll ir-riżultat ta' proċess ta' raġunament li għadda minn moħħ l-imħarrek u li kien ġenwin biżżejjed biex jistqarru;

Illi l-Qorti, f'dan ir-rigward tqis li ma setax jitfisser aħjar dan kollu milli ssemmi l-kliem tal-għaref difensur tal-atturi meta qal: "*jiena ma nistax nipprovoka inċident u mbagħad biex naħrab minn dak l-inċident, nikkawża dik l-istraġi li kkawżajt, u ngħid imma isma' jiena għamilt hekk minħabba inċident, jekk ipprovokajtu jien le, ma nistax*"[33];

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-ħtija waħdanija tal-ħabta taqa' fuq l-imħarrek u, filwaqt li twarrab dik il-parti tal-eċċezzjoni li tgħid li l-imħarrek ma kienx jaħti, sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi;

Illi **għal dak li jirrigwarda d-danni mġarrba mill-karozza tal-attriċi** f'dan il-każ jidher li hemm ċirkostanza ewlenija li l-Qorti jeħtiġilha tqis. Meta seħħet il-ħabta, l-karozza tal-

[33] Paġ. 423 tal-proċess

atturi bilkemm kienet ilha fuq it-triq sena minn mindu nxtrat, u kienet inxtrat ġdida fjamanta. Ċirkostanza oħra hi li, mad-daqqa, l-karozza tkissret u ma kienx għaqli li wieħed jidħol f'nefqa biex isewwiha;

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li llum il-ġurnata huwa stabilit li karozza li tinħareġ fuq it-triq tibda titlef mill-valur tagħha kważi minnufih[34], u għalhekk iżjed u iżjed jaqa' l-valur tagħha jekk iġġarrab ħsara f'ħabta. Kemm hu hekk, huwa meqjus li tali tnaqqis fil-valur iseħħ ukoll jekk fuqha ssir tiswija bl-aħjar mod[35]. Il-jedd ta' kumpens għan-nuqqas ta' valur ta' vettura llum huwa wkoll meqjus bħala wieħed mill-irjus ta' risarċiment li l-parti mġarrba tista' titlob minħabba l-ħtija tal-parti l-oħra, l-iżjed fejn il-Qorti tkun sodisfatta li, wara t-tiswija, l-karozza ma tkunx ġiet tiswa daqs kemm kienet tiswa qabel il-ħabta[36]. Dan għaliex kull kumpens għad-danni mġarrba jimmira li jqiegħed lill-parti mġarrba fil-qagħda li kienet qabel seħħ l-inċident[37]. Iżda, d-deprezzament irid dejjem jitkejjel b'mod li ma jaqbiżx il-valur li l-ħaġa kienet iġġib kieku nbiegħet qabel ma seħħet il-ħabta[38];

Illi fil-każ tal-lum jidher li, billi l-karozza tal-atturi ma kinitx iżjed f'qagħda li tissewwa, wieħed ma jistax jitkellem dwar deprezzament sempliċi, iżda dwar telf dejjiemi ta' ġid li, fil-waqt tal-ħabta, kellu valur u ntemm bis-saħħa ta' hekk[39]. F'każ bħal dan, il-kejl tal-ħsara mġarrba jitqies bl-ammont tat-tnaqqis fil-valur tal-ħaġa minn kif kienet qabel l-inċident għal kemm ġiet tiswa minnufih b'riżultat tiegħu[40]. Madankollu, bħal fil-każ ta' sempliċi deprezzament, huwa meħtieġ li l-valur kalkulat tal-ħaġa milquta bl-inċident tingħata valur reali u mhux wieħed maħluq miċ-ċirkostanza jew imħawwar biex jidher li jiswa aktar[41], f'liema każ, il-Qorti ma għandhiex tkun kompliċi u tapprova tbagħbis bħal dak[42];

---

[34] P.A. FDP **3.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecilia Attard Pirotta et vs Marianne Farruġia***
[35] P.A. TM **17.2.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Paul Galea vs Mario Farruġia et***
[36] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Camilleri vs Joseph Saliba et***
[37] App. Inf. **12.1.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Antonia Mifsud vs Mario Calleja*** (mhix pubblikata)
[38] App. Kumm. **1.12.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Wright et noe vs Grech*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.396**)
[39] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Bonello Cole vs Kummissarju tal-Pulizija et*** u Maġ. (Għ) AE **3.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***George Saliba vs Dennis Patrick Roberts***
[40] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Casha vs Frans Sammut*** (mhix appellata)
[41] App. Inf. PS **4.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Camilleri vs Middlesea Insurance p.l.c.***
[42] P.A. GCD **12.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Bianchi vs Paul Galea*** (mhix appellata)

Illi fil-każ tal-lum, l-imħarrek jgħid li l-ammont mitlub mill-atturi bħala kumpens għad-danni mġarrba huwa wieħed eżaġerat. L-imsejħin fil-kawża wkoll iqajmu din l-eċċezzjoni bħala difiża sussidjarja għal dik ewlenija tagħhom li ma kellhomx x'jaqsmu mal-każ;

Illi biex l-atturi waslu għall-pretensjoni tagħhom, qabbdu *surveyor ex parte* minbarra li ħallew ukoll li *surveyor* ieħor imqabbad mill-assikurazzjoni, jara dak li kien fadal mill-karozza tagħhom wara l-ħabta. Dan wasal għall-fehma li, meħud b'qies iż-żmien meta kienet inxrtrat u nħarġet fuq it-triq u kemm kienet intużat, din kellha valur ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmi (€ 34,940.60) qabel il-ħabta. L-imħarrek jgħid li dan il-kejl huwa mġebbed u ma jirrispekkjax id-deprezzament li s-soltu jingħataw il-karozzi (għoxrin fil-mija fis-sena) u, b'mod partikolari, l-possibilita' li karozza bħal dik tal-atturi tista' tinbiegħ minn fuq l-idejn bħala wżata (jiġifieri *second hand*);

Illi l-Qorti tqis li x-xhud li l-imħarrek qabbad biex isostni din l-eċċezzjoni tiegħu mhux ta' min joqgħod fuqu. Fl-ewwel lok, stqarr li huwa l-*claims manager* tal-kumpannija assikuratriċi tal-istess imħarrek[43]. Fit-tieni lok, meta ntalab isostni dak li kien ħalef dwaru f'affidavit imressaq minnu xi żmien qabel[44], kellu jistqarr li ma kienx f'qagħda li jsostnih aktar[45]. Fit-tielet lok, tul is-smigħ tal-kawża kollha, l-imħarrek ma talabx il-ħatra ta' perit tekniku biex isostni l-eċċezzjoni tiegħu. Min-naħa tagħhom, ix-xhud imressaq mill-atturi sa mill-bidu tal-kawża u wkoll wara li xehed u fisser kif wasal għall-fehmiet tiegħu[46], huwa wieħed li l-liġi tqis bħala wieħed kompetenti[47] u x-xhieda tiegħu tista' titqies bħala prova tajba jekk titwemmen;

Illi meta l-Qorti fliet iż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet, issib li l-ammont pretiż mill-atturi huwa wieħed ta' min joqgħod fuqu ma jidhrilhiex li jitqanqlu dubji serji li s-somma

---

[43] Xhieda ta' Charles Galea 5.12.2006, f'paġ. 323 tal-proċess
[44] Dok "CG2", f'paġ. 299 tal-proċess
[45] Dok "CG6", f'paġ. 333 tal-proċess
[46] Xhieda ta' Philip Żammit 23.5.2006, f'paġġ. 222 – 3 tal-proċess
[47] Art. 563A tal-Kap 12

tneffħet biex tagħti stampa ta' valur li ma kienx tassew jeżisti;

Illi mbagħad, intwera wkoll li l-atturi mxew id f'id mal-assikurazzjoni tal-imħarrek dwar kemm kien il-valur tal-karozza wara l-ħabta u saħansitra kisbu l-qbil tagħha għal dak il-valur. Mhux hekk biss, iżda l-atturi raw kif irranġaw li jbiegħu dik il-karozza fl-istat li kienet fiha wara l-ħabta bi prezz ħarira ogħla mill-valur maqbul imsemmi. B'dan il-mod, wettqu d-dmir tagħhom bħala l-persuni mġarrbin, li jnaqqsu l-ammont ta' ħsara li ġarrbu, u, wisq aktar, ġabu prezz aħjar milli kienet diġa' qablet miegħu l-assikurazzjoni tal-imħarrek;

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti ssib li l-atturi seħħilhom juru li ġarrbu d-danni reklamati;

Illi l-Qorti qiegħda tillikwida d-danni kollha mġarrbin mill-attriċi fis-somma minnhom mitluba ta' tmienja u għoxrin elf erba' mija u tmintax-il euro u erbgħin ċenteżmi (€ 28,418.40);

Illi jibqa' li jissemma punt dwar l-imgħaxijiet dekorribbli skond it-tielet talba attriċi. Huwa minnu li l-atturi talbu l-ħlas ta' somma speċifika bħala danni minnu pretiżi. Ladarba t-talba kienet għal-likwidazzjoni in linea ta' danni, wieħed jista' jgħid li, skond il-prinċipji ordinarji, l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-likwidazzjoni tal-istess kumpens;

Illi, madankollu, hija l-fehma wkoll ta' din il-Qorti li r-regola hawn fuq imsemmija m'hijiex waħda assoluta. Dan jingħad għaliex, fejn is-somma pretiża, għalkemm mhix likwida, hija determinabbli, m'huwiex rakkomandabbli li l-imgħax jibda jgħaddi biss minn dak inhar tal-likwidazzjoni formali tal-ammont b'sentenza. Minbarra dan, ingħad li fejn l-ammont pretiż bħala dannu jkun imsemmi fl-att ġudizzjarju li bih titressaq l-azzjoni (jew f'att ġudizzjarju preċedenti għalih), l-imgħax fuq l-ammont talvolta likwidat għandu jibda jgħaddi minn dak inhar li l-imsemmi att jitwassal lill-parti intimata, ukoll jekk fl-aħħar mill-aħħar, l-ammont attwalment likwidat mill-Qorti jkun anqas minn

dak mitlub oriġinarjament[48]. Huwa biss meta l-ammont likwidat ikun bil-wisq anqas minn dak mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni li l-imgħaxijiet jibdew jintgħaddu minn dak inhar tas-sentenza[49]. Fil-każ tal-lum, il-Qorti sejra tillikwida bħala ammont dovut sewwasew dak li ntalab fiċ-Ċitazzjoni;

Illi jirriżulta mill-atti li l-imħarrek laqa' l-Att taċ-Ċitazzjoni fil-15 ta' Frar tal-2005[50], u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dak inhar;

Illi għalhekk, it-tielet talba sejra tintlaqa' kif magħmula;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek Christopher Galea waħdu jaħti għall-ħabta li saret nhar is-17 ta' Ottubru, 2004, f'salib it-toroq bejn Triq l-Imdina, Ħ'Attard, u l-*By-pass* tal-Imrieħel bejn il-karozza tal-atturi reġistrata MDG-101 dak il-ħin misjuqa minn iben l-istess atturi u l-vettura JBA-415 misjuqa mill-imħarrek;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi bħala sidien tal-vettura MDG-101 fl-imsemmija ħabta fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf erba' mija u tmintax-il euro u erbgħin ċenteżmi (€ 28,418.40);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek Christopher Galea jħallas lill-atturi s-somma ta' € 28,418.40 hekk likwidata bħala d-danni mġarrbin minnhom, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-15 ta' Frar, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv;

48 App. Inf. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Ltd. Noe vs Paul Tabone***
49 App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Simon Micallef Stafreċe noe et vs James Gollcher et noe et***
50 Ara r-riferta f'paġ. 38 *tergo* tal-proċess

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek fil-mertu għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------